## LIL APOSTLU MARTRI

# SANT' ANDRIA

### FIL JUM SOLLENNI TAL FESTA TIGHOU
### Fit-30 ta Novembru 1911, f' HAL LUKA

*Regi similia passus.*

## SUNETT

Dija tas-sema Fich kighed nilmaħ,
Li din, tax-xemx tatic ix-xbija,
Bigħa inħossni uisk kighed 'nifraħ,
Għaliex niftacar, li int Andria.

B'inni ta gloria 'l fomm tiegħei niftaħ,
Biex Lilec nati jen cull foħria;
U'l dic l' stilla ta kabel jisbaħ,
Jen nargia 'nxebħec o Cbir Andria.

Għal cbar splenduri, li fukec dehru
Fl'aħħar mumenti tal ħaija tigħec,
Is-Sid jen ħsibtec ta dan l'imperu.

Sabiex fil Genna 'ngaudu migħec.
Itlob għalina. biex l'għadu infieru,
U minni begħdu l'imkaddes drigħec.

## TALB LIL' STESS KADDIS

Cbir Appostlu minn ta Cristu.
Nitolbuc grazia tatina,
Li nitbegħdu minn cull deni,
U 'nt it-triek taiba urina.

Sabiex Lilec, aħna 'nfaħħru
Bħala Int Protettur tagħna,
Ati 'd-daul ucoll 'l għedeuua,
Sabiex le jeħdugħa magħna.

Ati 'd-daul ucoll il cleru,
Biex, uisk taijeb iregina,
Bħal cap tagħna spirituali,
Jekred il mibgħeda fina.

Għax zerrigħa fostna nibtet,
Li hia, bil uisk ħazina,
Għanda bzon lili tinkered,
Biex paci tirrenja fina.

Nitolbuc Apostlu Andria,
Li titlob is-Sid għalina;
Sgur misnuħ jigi 't-talb tigħec;
B'ech felici tirrendina.

Biex aħna, 'ngħamlu 'd-dmir tagħna,
Għandna bzon 'l għainuna tigħec:
Li mid-dnub aħna nidbgħedu,
Biex nigiu fil Genna migħec!

Societa' Sant' Andrea
Casino La Stella
8 Novembre 1911

*Nihil obstat*—Die 23 Novembri 1911—I. Can. Formosa—*Cens. Theol.*

Tipografia Pace & Scerri, No. 12, Strada Dolori Hamrun

Dan is-sunett 'lill-Appostlu Martri Sant' Andrija' kien stampat mis-Soċjetà San Andrea fl-1911.

*O Banda Sant'Andrija*
*Aħna miegħek Magħqudin*
*il-banda li ġġib ismek*
*Aħna bik kburin.*



# Is-Sunetti

**Kitba ta' Charles Attard**

Fl-antik, insibu d-drawwa li kienu jinkitbu speċi ta' poeżiji mimlijin tifħir lejn il-qaddis jew qaddisa patrun/a ta' dak ir-raħal jew belt partikolari; u anke ġieli jkunu mimlija tifħir jew lejn il-każin jew inkella lejn il-kumitat tal-każin u ġieli nsibu anke lejn is-surmastrijiet tal-baned. Tant kienet drawwa popolari fil-festi tal-irħula u l-ibliet tagħna, li saħansitra dawn is-*sunetti*, għax hekk kienu jissejħu, kienu jitwaddbu minn fuq il-kampnari tal-knejjes tagħna waqt il-ħruġ tal-vara kif ukoll mill-galleriji tad-djar waqt li l-marċ tal-banda jew il-purċissjoni tal-qaddis/a jkunu għaddejjin minn quddiemhom.

X'aktarx din id-drawwa daħlet f'Malta fi żmien il-kavallieri. Fil-bidu, dawn il-poeżiji kienu jinqraw f'xi okkażjoni ta' merħba lill-Gran Mastru, Isqof jew xi mistieden ieħor li jkun qed iżur pajjiżna. Insibu iżda li għall-ħabta tat-tieni nofs tas-seklu dsatax, kienet daħlet id-drawwa li dawn is-sunetti kienu jiġu stampati fuq karta fina għal okkażjonijiet speċjali u għall-festi.

Wara li wieħed kien jikteb dan is-sunett, dawn kienu jiġu mżejna b'disinji sbieħ madwar il-versi ta' din il-poeżija u jiġu stampati bil-kwantità biex jiġu mxerrda għall-okkażjoni tal-festa. Insibu wkoll li xi wħud minnhom kienu jiġu stampati fuq imkatar tal-ħarir jew tal-karta. Dawn, illum il-ġurnata rari li ssib minnhom u huma mfittxija ħafna mill-kollezzjonisti.

F'Ħal Luqa wkoll insibu diversi sunetti li kienu jinkitbu b'tifħir lil Sant'Andrija għall-okkażjoni ta' Jum il-Festa tiegħu li, qabel is-sena 1962 kienet tiġi iċċelebrata fit- 30 ta' Novembru, jum il-festa liturġika tiegħu.

Fl-istorja tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija nsibu numru sabiħ ta' sunetti miktuba mill-membri tas-Soċjetà u dawn huma xiehda tal-popolarità li kienet tgawdi l-festa f'ġieħ l-appostlu Sant'Andrija, anke fl-ewwel żminijiet mit-twaqqif tas-Soċjetà mużikali fir-raħal tagħna.

Insibu li l-eqdem sunett li nkiteb f'isem is-Soċjetà San Andrea inkiteb u kien stampat fis-sena 1911 taħt isem *Societa' San Andrea Casino La Stella*. Interessanti ninnutaw li l-isem tas-soċjetà jidher isfel fuq in-naħa tal-lemin, *Societa' Sant'Andrea Casino La Stella*, u dan huwa xiehda tal-kontinwità tal-ewwel soċjeta' mużikali li twaqqfet f'Ħal Luqa fl-1878, *La Stella*, li eventwalment



Ġorġ Pulo, membru tas-Soċjetà Filarmonika San Andrea, fuq il-qanpiena l-kbira, hi u tiela', iwaddab is-sunetti.

saret is-*Societa' Filarmonica San Andrea.*

Is-sunetti kienu jitwaddbu wkoll f'okkażjonijiet speċjali. Hekk kien ġara fis-sena 1928, meta ttellgħu l-qniepen fil-kampnari tal-knisja ta' Ħal Luqa, kif fil-fatt jixhed dan ir-ritratt. Naraw lil Ġorġ Pulo tiela flimkien mal-qanpiena l-kbira filwaqt li fl-istess ħin qed iwaddab dawn is-sunetti li qed insemmu.

Okkażjoni oħra, li kellha importanza kbira fil-każin tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija kienet meta fis-sena 1952, meta l-każin kien ġie ittrasferit lejn Misraħ il-Knisja, kien inkiteb sunett ferm interessanti li juri l-entużjażmu li s-soċi kellhom għal dik l-okkażjoni tant importanti.

Dawn is-sunetti biż-żmien bdew jinqatgħu u minflok bdew jitwaddbu biċċiet tal-karti rqaq kemm fil-marċi kif ukoll fil-ħruġ tal-vara min-niċċa. Kienu jintramaw ukoll kuruni f'nofs it-toroq u hekk kif tgħaddi l-vara minn din il-kuruna jaqgħu ammont kbir ta' karti fuq il-vara. Fil-fatt, għal ċertu żmien, dawn il-karti wkoll kienu jissejħu sunetti.

Illum, għalkemm għadhom jitwaddbu biċċiet tal-karti żgħar, is-sunetti nqatgħu iżda ta' min jinnota li fil-kotba li joħorġu fil-festi jiġu ppublikati diversi sunetti antiki li juru l-imħabba li kellhom missirijietna lejn il-patruni tal-parroċċi tagħna.

**Referenzi**


1 www.kappellimaltin.com *artiklu il-festi fil-passat kitba ta' Roderick Busuttil.*

2 *L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija - Twelidha u Ġrajjietha.*

A.D. 1883

## FL-OKKAŻJONI TA' FESTI

## MILL-KAŻIN TAL-BANDA

# SANT'ANDRIJA

## ĦAL-LUQA

### 6 TA' LULJU, 1952

Wasal fl-aħħar il-jum sbejjaħ
Jum ta' ferħ u allegrija
Raġġi nfetħu mill-Istilla
Fuq il-Banda Sant'Andrija.

Bl-ewwel raġġ ħadd ma ried jemmen
Niżel dritt bħal kolp ta' mazza
F'daqqa waħda sibna ruħna
Bil-każin ġo nofs il-pjazz.

Kulħadd stagħġeb kulħadd feraħ
Għax misterju ta' kburija
Ixxurtjata din il-banda
Tal-Każin ta' Sant'Andrija.

Kulħadd spjega kelma waħda
Kliem sinċier ta' serjetà
Il-każin żejjen il-pjazza
Rajna ċar fil-verità.

Ġieħ u glorja għal Ħal-Luqa
Żina w ferħ ta' armonija
Imsemmija l-Banda tagħna
Għall-Patrun tagħna Sant'Andrija.

Għandna 'l Malta simblu sbejjaħ
Dejjem din tipproteġina
Għanda s-sejf w it-tarka lesti
Bihom fl-art tiddefendina.

U minn żgħażagħ kuraġġużi
Dejjem kienet imreġija
Harġet dejjem trijonfanti
Il-Banda tagħna Sant'Andrija.

Haqqu prosit għal elf darba
Il-qalbieni kumitat
Bħal siġil ta' vera mħabba
Tagħna l' isbaħ riżultat.

Viva ngħajtu l-bandisti
Kollha żgħażagħ ferħanin
Edukati, b'moħħ brillanti
Kuraġġużi qalbenin.

Viva wkoll is-soċi kollha
Għax jinħabbu ma' xulxin
Ferħ minn qalbhom juru dejjem
Kollha jirsistu għall-Każin.

U hekk nibqgħu ala dejjem
Ferħ fuq ferħ u allegrija
Viva ngħajtu l-każin tagħna
Viva l-Banda Sant'Andrija.

**Bl-approvazzjoni tal-Kumitat.**

Tip. Muzewmina.